Nieħu din l-okkażjoni biex f'ismi, u f'isem dawk kollha li jinteressaw ruħhom fl-istorja tal-Akkademja tal-Malti nirringrazzja lir-Rev. Professur għall-għajnuna tiegħu. Il-karti li silifni, sofor biż-żmien kienu waslu biex jitfarrku; ksejthom bil-'plastic' trasparenti, minn wara u minn quddiem u erġajt tajthom lura ill sidhom wara li kkupjathom, biex ikunu jistgħu jaraw għal darb'oħra d-dawl tax-xemx. J'Alla jkun hawn oħrajn li jagħmlu bħall-Professur Zarb.

Dwar il-Lista ta' Kotba li dehret fi "IL-MALTI" ta' Ġunju, 1974, il-kollega tagħna, is-Sur Ġanni Cilia, ġibidli l-attenzjoni li f'paġna 45 taħt "Id-Dipartiment tat-Tagħlim" għandu jidher kif ġej:

1935. **Ġabra ta' Talb u Tagħlim** maqlub għall-Malti minn Mons. G. Darmanin, D.D., minn "A Simple Prayer Book"; Ġanni Cilia ħa ħsieb l-ortografija Maltija. Oxf. Univ. Press.

1935. "X'Nitgħallmu mill-Ġeografija" ta' Cyril Midgley maqlub għall-Malti u b'żjieda dwar Malta u l-Gżejjer Maltin minn Ġanni Cilia. Ediz. A. Wheaton, Exeter.

1935. "L-Artijiet tal-Mediterran" — ta' Cyril Midgley — maqlub għall-Malti minn Ġanni Cilia. Exeter.

1936. "Il-Ġmiel tad-Dinja" — l-istess bħal 'X'Nitgħallmu mill-Ġeografija". Ediz. A. Wheaton, Exeter.

1936. "Ħarsa lejn id-Dinja" ta' Cyril Midgley — maqlub għall-Malti minn Ġanni Cilia. Ediz. A. Wheaton, Exeter.

---

## Errata Corriġe

*Jisgħobbina li fil-poeżija "Odysseus" ta' J.P. Vassallo (Ġunju 1974) qabeż żball u għalhekk qed inġibu hawn l-ewwel stanza mill-ġdid.*

Għaddew is-snin fuq Ithaca, Ithaca
Xbajt u għejejt ta' Troja ntenni l-ġrajja;
Inċaqlaq xettru fuq daqsxejn ta' poplu
Ma' ibni u marti 'l hawn u 'l hemm nitlajja.

# Reċensjonijiet

**FIEX WASALNA: ta' Ġużè' Galea; Union Press, Valletta, 1974.**

Lil dawk il-ħafna Maltin li jafu lil Ġużè' Galea minn "Raġel Bil-Għaqal" ngħidilhom malajr li **Fiex Wasalna** ma għandu xejn x'jaqsam miegħu. Hawnhekk għandna silta ċkejkna (88 faċċata) mill-ħajja Maltija ta' llum. Imma silta biss ... felli ... espożizzjoni ċara ta' kif qegħdin igħixu biċċa mill-Maltin ta' żmienna. Il-Professur Galea żgur li ma jridx jagħtina l-impressjoni li l-ħajja taż-żgħażażgħ Maltin kollha hija bħalma narawha mpinġija f'dan il-ktieb.

Bħala storja, dan ir-rakkont ma setax ikun aktar mexxej u jolqtok. Karattru wieħed prinċipali, Anton, li jekk mhux dejjem jiġbidlek is-simpatija tiegħu żgur li dejjem iqajjimlek l-interess u l-kurżità. Mal-karattru ta' Anton, imbagħad, huma gganċati l-karattri l-oħra kollha li jissemmew fl-istorja ... matru, uliedu, il-girl-friends, il-familja tal-girl-friends tiegħu, il-klijenti tiegħi Maltin, Taljani u Ingliżi. Bħall-ħajja li jiddeskrivi, ir-rakkont dejjem mgħaġġel u jispiċċa bil-qerda ta' Anton u ta' min mess miegħu.

Ir-rakkont, bla dubju ta' xejn, fih it-timbru ġenwin ta' kittieb gwapp tal-Malti. Fih dik id-daqqa ta' id li hi ċerta mill-pinna li qiegħda tħaddem. Il-kittieb jaf sewwa l-materja li qed jittratta u jirrakkontaha bl-akbar sengħa. "Fiex Wasalna" jagħtina xibka ta' kuntrabandu, ta' traffiku ta' drogi, ta' sess sfaċċat, li fiha jitberflu biċċa mill-irġiel, żgħażagħ u xebbiet Maltin ta' llum. Barra mixxeħta għall-kitba, il-Professur Galea, bħala tabib, għandu wkoll esperjenza twila ta' mediċina u forsi għalhekk jirnexxilu li jpinġi ċerti xeni b'kuluri hekk ċari. Qed nirriferi l-aktar għax-xeni tad-drogi u tal-effetti tagħhom.

Biex inkun għedt kollox, jidhirli li forsi sforz l-istess ħeffa tar-rakkont, il-karattri li jissemmew, (ħlief il-karattru ta' Anton) rari li jilħqu dik il-profondità li tixirqilhom. Ifakkruni ħafna f'ċerti karattri ta' Dickens, ċari, distinti minn xulxin, għandhom faċċata sabiħa u tolqotok, imma jonqoshom il-fond ... l-iżvilupp. Xi wħud minnhom aktar karikaturi milli karattri. Forsi kieku l-ktieb kien aktar imlaħħam kien ikun aktar ċar l-iżvilupp tal-karattri.

Ħaġ'oħra li ma laqtitnix f'dan il-ktieb hija l-użu tal-forma stereotipata "dik il-..." jew "dak il-..." biex jiddeskrivi xi wħud mill-karattri. Dan l-ispakkun, ... dak iż-żerbinott, dak il-mantikilju, dak id-deffusi, dak il-galanti, dik l-odaliska, dak iż-żimballettu, dak is-simpatikun, dak l-affarist, dik l-għattuqa amoruża, dak id-damerun Taljan...

Nerġa' ngħid dawn id-difetti semmejthom mhux biex nagħmel enfasi fuqhom imma biss għax daqqewli differenti minn kif jikteb is-soltu il-Professur Galea.

Niżgura lill-qarrejja kollha li l-ktieb qbadtu f'idejja u ma tlaqtux qabel ma waslet l-aħħar faċċata. U nħossni li tgħallimt minnu wkoll. Il-Profs Galea tana ġawhra oħra ġdida u rari ta' letteratura Maltija. U x-xewqa tiegħi hi li nara dan il-ktieb f'idejn dawk kollha li għandhom għal qalbhom il-letteratura Maltija.

V.X.